**21 ta' April, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A. LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Reverendu Saċerdot Raymond Vella

*versus*

Rosaria Montebello *et*

## Rikuża ta' Mħallef

*Eċċezzjoni ta' rikuża ta' mħallef hija inattendibbli meta bbażata fuq inċident, maħluq mill-istess parti, u soppress jew sanzjonat mill-Imħallef.*

Il-Qorti:-

Fuq eċċezzjoni għar-rikuża tat-tliet imħallfin li jikkomponu din il-Qorti "stante li l-attur iħoss li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq jista' jiġi ppreġudikat", tosserva illi din l-eċċezzjoni ngħatat fis-seduta ta' l-14 ta' Marzu, 1995 u dan, kjarament, wara l-inċident ikrexxjuż li ġara fis-seduta preċedenti, dik tat-3 ta' Marzu, 1995 liema inċident pero' kien inħoloq u kien responsabbli għalih esklussivament l-attur;

Għalhekk eċċezzjoni bħal din hija assolutament inattendibbli inkwantu huwa manifest illi ebda ordinament ġuridiku ma jista' jipprovdi sabiex kull parti f'kawża li, għall-iskopijiet tagħha, ma tkunx trid li tiġi ġudikata minn imħallef jew imħallfin partikolari, toħloq inċident u b'dak il-pretest allura titlob ir-rikuża ta' dak l-imħallef jew imħallfin li jissoprimu u jissanzjonaw dak l-inċident, kif huwa doveruż li jagħmlu skond il-liġi;

L-eċċezzjoni hija respinta.